# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Gunju 2016**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 18/2015 JPG**

**Anthony Seychell**

***v.***

**Kummissarju tal-Pulizija u *occorrendo***
**l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur Anthony Seychell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzz-jonali tagħha fil-11 ta' Jannar 2016 li ċaħdet talba tiegħu għal dikjarazzjoni li nkisru d-drittijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 6 u 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], u taħt

l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"] u għal rimedju għal dak il-ksur. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. B'sentenza tal-5 ta' Marzu 2008 l-attur kien instab ħati mill-Qorti Kriminali ta' koltivazzjoni u pussess ta' *cannabis* u ngħata piena ta' priġunerija għal tnax-il sena u multa ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000). Il-qorti kienet ordnat ukoll "il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati".

3. L-attur imbagħad fetaħ kawża kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ["il-Kummissarju"] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 22Ċ tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"][1] biex jitlob illi xi proprjetà konfiskata tingħata lura lilu taħt id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu. Il-proprjetà li talab li tingħata lura lilu kienet (a) kont ta' tifdil ta' *HSBC Bank Malta p.l.c.*, (b) somma ta' elf lira (Lm1,000) fl-istess kont, (ċ) oġġetti żgħar tad-deheb, (d) sitt mija u sittin lira (Lm660) flus kontanti li kienu d-dar, u (e) vetturi "nofshom żarmati".

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-attur dwar (a), (ċ) u (e) u ċaħditha dwar (b) u (d). L-attur appella mis-sentenza safejn

---

1 **22Ċ.** (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska … il-persuna misjuba ħatja … tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza … lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.

din ċaħdet it-talba tiegħu u l-Kummissarju appella mis-sentenza safejn laqgħet it-talba tal-attur dwar (a). B'sentenza tal-1 ta' Lulju 2014 il-Qorti tal-Appell qatgħet l-appell hekk:

> »… … … tiddisponi mill-appell tal-attur Anthony Seychell billi tiċħad l-istess, u tiddisponi mill-appell tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti billi tikkonferma l-istess, b'dan li tħassarha fejn ordnat ir-rilaxx tal-flus fil-kont bankarju mal-*HSBC Bank Malta plc* indikat f'dawn il-proċeduri (kategorija (a)) u, minflok, tiċħad it-talba tal-attur fil-konfront ta' dawn id-depożiti u tikkonferma l-ordni ta' konfiska fil-konfront tal-istess.
>
> »L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk in prim'istanza, jit-ħallsu mill-attur Anthony Seychell appellant.«

5. Ir-raġuni għala l-Qorti tal-Appell kienet laqgħet l-appell tal-Kummissarju ġiet minnha mfissra hekk:

> »Trattat l-ewwel l-appell tal-konvenut, dan ressaq punt inter-essanti dwar il-materja. Hu jgħid li għalkemm il-flus fil-kont mal-*HSBC Bank Malta plc* ġejjin "minn sorsi leċiti", dawn l-istess flus għandhom jitqiesu "*tainted*" b'illeċità peress illi jirriżulta li l-appell-ant ma kienx qed jagħmel użu minn dawn il-flus peress illi kien qed jgħix minn introjtu ieħor dieħel minn sorsi illeċiti. Jirriżulta li l-appellant kien impjegat bħala *labourer* mal-Ministeru tal-Kultura u l-paga tiegħu kienet titpoġġa b'mod awtomatiku fl-imsemmi kont li għandu mal-bank imsemmi. Il-konvenut jargumenta illi għalkemm mhux kontestat li l-flus ġejjin minn sorsi leċiti, li kieku l-appellant ma kellux introjtu ieħor illeċitu hu ma kienx ikun f'posizzjoni li d-depożiti bankarji provenjenti mix-xogħol tiegħu iħallihom hemm mingħajr ma jutilizzahom biex jgħix. Il-flus fil-kont bankarju ġew akkwistati għalhekk, qed jiġi sottomess, b'mod indirett minn aġir illeċitu, u dan fit-termini tal-artikolu 22C (1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta).
>
> »Din il-qorti qieset sew dan l-argument u tara li tista' taqbel miegħu. Il-vantaġġ li jrid jieħu l-appellant mis-sors leċitu ta' dawn il-flus huwa vantaġġ marbut mal-attività illeċita tiegħu. Jirriżulta mill-provi illi l-appellant kien ilu tliet xhur ma jiġbed flus mill-bank qabel l-arrest tiegħu, li jfisser li hu kien qed jgħix minn flus kon-tanti li tagħhom ma ġiet ippreżentata l-ebda provenjenza leċita. Fi kliem ieħor, dawn il-flus għadhom hemm għax l-appellant inqeda bi flus ta' natura illeċita.«

6. L-attur igħid illi l-Qorti tal-Appell waslet għal din il-konklużjoni għax qagħdet fuq "assunzjonijiet" bla prova u ma qisitx xiehda li ressaq hu illi ma kien daħħal ebda qligħ mir-reati li dwarhom kien instab ħati. Dan, igħid l-attur, huwa bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjġu, u tal-jedd għal rimedju, imħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art. 13 tal-Konvenzjoni rispettivament. Għalhekk fetaħ il-kawża tallum għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' dawk il-jeddijiet u biex jingħata rimedju xieraq.

7. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Ir-rikorrent qiegħed jilmenta illi huwa ġarrab leżjoni tad-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq peress illi, skont huwa, il-Qorti tal-Appell kienet żbaljata meta sabet illi ma kienx ġab provi biżżejjed rigward il-provenjenza leċita tal-fondi tiegħu.
>
> »Il-qorti hawnhekk tenfasizza illi dan m'huwiex appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti illi teżamina l-proċess sabiex tara jekk il-Qorti tal-Appell għamlitx valutazzjoni korretta tal-provi prodotti fil-mori tal-kawża.
>
> »… … …
>
> »Il-funzjoni ta' din il-qorti m'hijiex li teżamina żbalji ta' dritt jew ta' fatt li allegatament ikunu ġew kommessi mill-qrati ordinarji, sakemm dawn l-iżbalji ma jkunux kisru id-drittijiet u libertajiet garantiti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Dak li huwa l-kompitu ta' din il-qorti taħt l-artikolu 6 huwa li teżamina jekk il-qrati ordinarji ma segwewx il-garanziji proċedurali elenakati fl-istess artikolu, jew jekk il-proċeduri, kkonsidrati fl-intier tagħhom, ma ggarantewx lir-rikorrent smigħ xieraq.
>
> »Bħala regola generali, din il-qorti hija prekluża milli tissindika l-kostatazzonijiet u konklużjonijiet tal-qrati ordinarji fir-rigward ta':-
>
> »• l-apprezzament tal-fatti tal-kawża;
>
> »• l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi ordinarja;
>
> »• l-ammissibilità u apprezzament tal-provi prodotti fil-kawża;

»• kwistjonijiet ta' *substantive fairness* fir-riżultat ta' kawżi ċivili;

»• il-ħtija jew innoċenza ta' akkużat fi proċeduri kriminali.

»L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola generali hija meta l-kostatazzjonijiet u l-konklużjonijiet tas-sentenza impunjata kienu "*flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to a violation of the Convention*." Il-Qorti Kostituzzjonali ukoll irriteniet illi l-kompitu ta' din il-qorti "… huwa, fejn in-natura tal-każ hekk tirrikjedi, li tara jekk id-deċiżjoni kinitx *arbitrary or manifestly unreasonable*".

»Il-qorti għalhekk ser tgħaddi biex tikkonsidra jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell kinetx *arbitrary or manifestly unreasonable* sabiex tara jekk huwiex il-każ illi din il-qorti tissindika l-apprezzament li sar mill-Qorti tal-Appell.

»Illi l-qorti tibda billi tirrileva li r-rikorrent naqas milli jindika u jispjega suffiċjentement ir-raġuni il-għaliex id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. L-intimati jeċċepixxu f'paragrafu numru 4 tar-risposta tagħhom għar-rikors promotur:

> »"(...) (i) li l-proċeduri kollha nżammu u ġew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (ii) li huwa kellu aċċess miftuħ għall-qorti; (iii) li ma kienx hemm xi dewmien inġustifikat jew eċċessiv waqt is-smigħ tal-kawża meta wieħed iqis li l-kawża bl-appell kollox inqatgħet f'ħames snin; (iv) li s-smigħ kollu ġie kondott fil-preżenza tiegħu; (v) li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kellu l-ebda vantaġġ proċedurali fuq ir-rikorrent bi ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*; (vi) li r-rikorrent ingħata l-opportunità kollha li jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr ebda xkiel; (vii) li huwa kien megħjun minn avukat ta' fiduċja tul il-proċeduri u (viii) li huwa ġie mogħti ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;"

»Wara li fliet bir-reqqa l-atti proċesswali tal-proċeduri impunjati, u ħadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-qorti taqbel mal-intimati illi l-ebda waħda mill-garanziji tas-smigħ xieraq elenakati fir-risposta tagħhom ma jidhru li ġew leżi. Partikolarment, minn qari tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Appell u s-sentenza impunjata, ma jidhirx illi l-qorti naqset illi tagħti l-piż xieraq lis-sottomissjonijiet tar-rikorrent, jew li tat piż żejjed lis-sottomissjonijiet tal-intimati b'mod illi jista' jingħad li r-rikorrent ma gawdiex ugwaljanza tal-armi fil-proċeduri impunjati. Ma jidhirx lanqas li l-Qorti tal-Appell għamlet xi żball fil-fatt jew fid-dritt tant gravi li wassal sabiex is-sentenza tkun *arbitrary or manifestly unreasonable.* Anke li kieku stess il-Qorti tal-Appell ikkommetiet żball fl-interpretazzjoni tal-liġi li wassal għall-leżjoni tad-dritt tar-rikorrent għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu (lanjanza li ser tiġi kkunsidrata iktar 'il quddiem), dan il-fatt wahdu ma jkunx awtomatikament ifisser illi r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq.

»Minn eżami tal-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Appell jidher illi huwa minnu illi r-rikorrent kien ilu xi tliet xhur ma jiġbed flus mill-kont bankarju tiegħu, u huwa minnu wkoll illi ftit xhur qabel ma ġie arrestat kien sar depożitu ta' Lm1,000, il-provenjenza ta' liema ma ġietx sufficjentement pruvata. Barra minn hekk, a kuntrarju ta' dak li qal ir-rikorrent in kontro-eżami fil-proċeduri ta' prim'istanza, is-somma ta' Lm660 fi flus kontanti li nstabu fir-residenza tar-rikorrent ma tidhirx li ġiet miġbuda mill-kont bankarju tiegħu, u għalhekk il-provenjanza ta' din is-somma ukoll ma ġietx sufficjentement pruvata mir-rikorrent.

»Din il-qorti ma taqbilx mar-rikorrent meta jargumenta l-proċeduri għar-rilaxx ta' assi kkonfiskati taħt l-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huma proċeduri ta' natura kriminali u għalhekk japplikaw ir-regoli proċedurali tal-kamp penali. Huwa ċar li dawn il-proċeduri huma ta' natura ċivili. L-ewwel nett, l-artikolu 22Ċ stess jipprovdi li l-proċeduri għandhom jiġu intavolati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u hija konsegwenza naturali ta' din l-għażla tal-leġislatur illi dawn it-tip kawżi jsegwu r-regoli proċedurali tal-kawżi ċivili, ġaldarba hija qorti ta' ġurisidizzjoni ċivili illi tiddisponi minnhom. Anke fir-rigward tal-provvediment li jirregolaw ir-rikors għall-intavolar ta' azzjonijiet għar-rilaxx ta' assi kkonfiskati, il-leġislatur għażel illi jrendi applikabbli l-provvediment tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u *cioè* korp tal-liġi ta' natura ċivili. Barra minn hekk, f'dawn il-proċeduri ma tiġix stabbilita l-ħtija *o meno* tar-rikorrent, u lanqas ma huwa possibbli għall-qorti li tinfliġġi piena fuq ir-rikorrenti. Fil-fatt, il-posizzjoni kostanti tal-qrati hija li l-proċeduri għar-rilaxx ta' assi kkonfiskati taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huma ta' natura ċivili. Konsegwentement din il-qorti tqis illi r-rikorrent huwa żbaljat meta jsostni illi l-kwistjoni tal-provenjenza trid tiġi deċiża a bażi ta' prinċipji appartenenti lill-isfera kriminali.

»Il-qorti ma taqbilx ukoll mar-rikorrent meta jgħid illi l-intimati kellhom l-oneru li jippruvaw l-provenjenza illeċita tal-fondi in kwistjoni. Rigward l-attività illeċita infisha, kien hemm sentenza *res iudicata* kontra r-rikorrent, a bażi ta' liema kienet ġiet ordnata l-konfiska tal-assi tiegħu. Din il-konfiska kienet skont il-liġi għaliex, skont il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-provenjenza illeċita tista' tkun kemm diretta kif ukoll indiretta. Fil-fatt, studju akkurat tal-provvediment relevanti tal-Kapitolu 101 juri li l-intimati fl-ebda stadju ma kellhom jipprovaw xi ħaġa oħra għajr il-ħtija tar-rikorrent ta' wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1) waqt il-proċeduri kriminali. Dan għaliex, skont l-artikolu 22(3A)(*d*):-

> »"Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja ikun xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1) il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –

> »"tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta."

»Ma jidhirx li dan l-artikolu jistabilixxi xi oneru fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova, waqt il-proċeduri kriminali, il-provenjenza illeċita tal-assi tal-persuna misjuba ħatja, iżda jagħti lill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali s-setgħa illi, fuq talba tal-prosekuzzjoni, jordnaw il-konfiska tal-assi kollha tal-akkużat li jkun instab ħati ta' xi wieħed mir-reati msemmija tal-artikolu 24A(1).

»Min-naħa l-oħra, l-artikolu 22Ċ(1) jipprovdi illi:-

> »"Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(*d*) ta' [din l-Ordinanza], il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.

»Jidher għalhekk minn dawn l-artikoli illi huwa fil-fatt ir-rikorrent li għandu l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita tal-fondi konfiskati favur il-Gvern. Din l-inverżjoni tal-provi hija element komuni f'numru ta' ġurisdizzjonijiet fl-Unjoni Ewropeja illi jipprovdu għal konfiska ta' assi minn provenjenza illeċita bħala parti mill-esekuzzjoni tal-obbligi tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. … … …

»Għalhekk huwa ċar illi l-inverżjoni tal-provi f'kawżi bħal dik in kwistjoni hija permissibbli u, fil-kuntest tal-liġi domestika li fiha topera, hija konsistenti mal-prinċipji tal-liġi u n-natura tal-proċeduri ġudizzjarji. Dan għaliex ir-rilaxx tal-assi konfiskati jintalab mill-individwu stess, permezz ta' proċeduri ta' natura ċivili fejn huwa jsostni l-provenjenza leċita tal-assi li tagħhom qed jitlob ir-rilaxx. Konsegwentement, in linja mal-prinċipji tal-proċedura ċivili, l-oneru tal-prova jinkombi fuq ir-rikorrent, peress illi min jallega jrid iġib prova a sodisfazzjon tal-qorti illi dak li qed jallega huwa minnu.

»Tenut kont ta' dan il-kollu, il-qorti tqis li r-rikorrent ma sofra l-ebda leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq peress illi ma ġiex pruvat illi s-sentenza impunjata kienet *abitrary* u *manifestly unreasonable*.

»Ikkonsidrat:

»Illi l-artikolu 13 jiggarantixxi "… *the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to*

*require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief*".

»L-obbligi tal-istat *ai termini* tal-artikolu 13 ivarjaw skont in-natura tal-ilment, però ir-rimedju rikjest mill-artikolu 13 irid dejjem ikun effettiv, kemm fil-prattika kif ukoll fil-liġi. L-effettività tar-rimedju però ma tiddependix fuq iċ-ċertezza ta' sentenza favorevoli għar-rikorrent. Barra minn hekk, ir-rimedju jrid jkun kapaċi li joffri *appropriate relief.*

»Il-qorti tqis li l-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma ġew miskura fil-kaz in eżami, u tqis illi:-

»1. ir-rikorrent kellu a disposizzjoni tiegħu rimedju aċċessibli sabiex jipprova jikseb ir-rilaxx tal-assi kkonfiskati, rimedju illi hu fil-fatt utilizza;

»2. ir-rimedju kien effettiv u kien kapaċi jagħti *appropriate relief*, billi kien jikkonsisti fi proċeduri ġudizzjarji li setgħu jirrevokaw l-ordni ta' konfiska mogħti mill-Qorti Kriminali u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kieku r-rikorrent ipprova, sal-grad rikjest mill-liġi, il-provenjenza leċita tal-assi tiegħu, tant illi huwa fil-fatt kiseb ir-rilaxx ta' xi oġġetti tad-deheb u ta' diversi vetturi.

»Illi, fid-dawl ta' dan, il-qorti tqis illi r-rikorrent kellhu rimedju effettiv a disposizzjoni tiegħu, liema rimedju huwa fil-fatt utilizza sal-grad tal-appell, u saħansitra kiseb ir-rilaxx ta' xi oġġetti tad-deheb u vetturi li kienu wkoll ġew soġġetti għal ordni ta' konfiska.

»Il-qorti tgħaddi biex teżamina l-allegazzjoni ta' leżjoni ta' dritt għat-tgawdija tal-proprjetà.

»Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li l-ebda proprjetà ta' kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u lanqas jista' jigi miksub b'mod obbligatorju xi interess fi jew dritt fuq proprjetà. Teħid obbligatorju ta' proprjetà jew ta' interessi fiha jista' jsir biss fejn hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li tagħti jedd ta' aċċess lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjetà hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 37 ma japplikax f'għadd ta' ċirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu, fosthom meta t-teħid obbligatorju jkun sar fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati, *ai termini* tal-artikolu 37(2)(*b*).

»Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku, bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali,

jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu jrid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-istat.

»Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msejsin waħda mal-oħra u għandhom jiftehmu b'qari ma' xulxin. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-istat irid juri, kif imiss, li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi.

»Dan l-artikolu jirreferi għall-interess pubbliku jew ġenerali, u mhux għal skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jħoll u jorbot jekk għemil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali. Il-kejl għal tali interess pubbliku jew generali hu jekk f'għemil partikolari joħrogx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*".

»Illi huwa stabilit li, biex indħil fit-tgawdija tas-sid ikun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilità konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna.

»Jinsab aċċettat fil-gurisprudenza illi,

> »"… s-setgħa tal-istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-gid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem jibqa' l-ħtiega li jintwera (mill-istess stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunità, imma l-għadd ta' kontrolli dwar l-użu li jistgħu jinħolqu jinfirex f'bosta oqsma."

»Kif jidher mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, waħda minn dawn l-oqsma fejn huwa permissibli għall-istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid permezz ta' xi liġi huwa proprju fil-kamp penali. L-istess qorti irriteniet illi *"a confisċation measure, even though it does involve a deprivation of possessions, constitutes nevertheless control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1*".

»… … …

»Il-qorti tara illi m'huwiex ċar jekk l-ilment tar-rikorrent huwiex rigward ir-raġuni il-għaliex il-leġislatur daħħal fis-seħħ l-artikoli relevanti tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-utilità tiegħu fi stat demokratiku jew il-ħtiega tal-għan li għalih dawk id-disposizzjoni-

jiet iddaħħlu fis-seħħ. Dan peress illi r-rikorrent isemmi l-vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu biss fir-rikors promotur, mingħajr ebda spjegazzjoni, u ma jerġax isemmih aktar. Minn qari tar-rikors promotur, il-qorti tinkonkludi illi dawn it-tliet fatturi msemmija ma jidhrux li huma l-bażi tal-ilment tar-rikorrent, iżda illi l-lanjanza tar-rikorrent hija bbażata fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi rriformat is-sentenza tal-Prim'Awla u kkonfermat il-konfiska tal-assi bankarji tar-rikorrent.

»Illi m'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent instab ħati permezz ta' sentenza *res iudicata* ta' kultivazzjoni u pussess aggravat ta' droga f'Ġunju 2004 u fil-ġranet u xhur preċedenti. Fil-proprjetà tar-rikorrent instabu mal-mitt (100) pjanta tal-*cannabis*, u kien a bażi ta' dan is-sejbien ta' ħtija illi ġiet ordnata l-konfiska tal-assi kollha tar-rikorrent.

»Wara li fliet l-atti tal-każ, inkluż l-atti tal-proċeduri għar-rilaxx tal-assi kkonfiskati li ġew allegati mal-proċess tal-kawża *de quo*, din il-qorti ma tqsix illi r-rikorrent ġarrab ksur għat-tgwadija paċifika ta' ħwejjġu.

»Huwa minnu illi l-konfiska tal-assi ordnata mill-Qorti Kriminali, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, hija tassattiva u ma takkorda ebda poter diskrezzjonali lill-qorti. Però l-liġi nnifisha tagħti rimedju ta' stħarriġ u diskrezzjoni li jistgħu jwasslu biex, fi proċedura ta' natura ċivili, il-konfiska tal-assi ordnata mill-qorti ta' ġursidizzjoni kriminali tiġi revokata billi l-qorti tordna rrilaxx ta' dawk l-assi favur sidhom wara li jkun ġab prova sodisfaċenti tal-provenjenza leċita tal-istess.

»Il-liġi hija wkoll aċċessibbli u ċara, b'mod li hemm ċertezza legali fir-rigward ta' dawk l-assi illi bil-liġi għandhom jibqgħu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Fil-fatt il-liġi tagħti lok għall-konferma tal-konfiska mhux biss ta' dawk l-assi li għandhom provenenjza illeċita diretta, izda anke dawk li għandhom provenjenza illeċita indiretta. Il-posizzjoni tal-qrati ta' Malta kienet ukoll kostanti fis-sens illi meta persuna jirnexxilha twarrab ammont sostanzjali mill-paga tagħha għaliex tkun qed tgħix, anke jekk in parti, fuq il-ġid li tagħmel bi ksur tad-disposizzjonijet relativi tal-Kap. 101, dawn is-*savings* ġew meqjusa bħala fondi bi provenjenza illeċita indiretta. Għalhekk il-posizzjoni legali tal-rikorrent kienet waħda prevedibbli għaliex hemm, tenut kont tad-disposizzjonijiet tal-liġi u l-interpretazzjoni kostanti tal-qrati, ċert-ezza legali rigward dawk l-assi li għandhom jibqgħu soġġett għal ordni ta' konfiska.

»Illi finalment il-qorti tqis illi l-għan tad-disposizzjonijiet relativi tal-Kap. 101 huwa wkoll dak li joħolqu deterrent għat-twettiq ta' reat. … … …

»Illi tenut kont ta' dan kollu, il-qorti tqis illi r-rikorrent ma ġarrab ebda leżjoni tad-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika b'konsegwenza tas-sentenza lamentata.«

10.

8. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tal-21 ta' Jannar 2016 li għalih il-konvenuti wieġbu fit-28 ta' Jannar 2016.

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur igħid illi l-ewwel qorti "ma jidhirx li … … … afferrat fiex kien jikkonsisti l-ilment" tiegħu, u dan għalkemm hu kien ħejja "rikors promotur dettaljat li jispjega l-ilment bir-reqqa" u "b'kummenti li jista' jifhimhom kulħadd", partikolarment f'dawn is-siltiet:

> »… … … jirriżulta ċar illi l-Kummissarju tal-Pulizija u d-difensur tiegħu l-Avukat Ġenerali ma kkontestawx il-fatt li "l-flus ġejjin minn sorsi leċiti"; anzi, huma jgħidu li l-paga governattiva tar-rikorrent "kienet titpoġġa b'mod awtomatiku fl-imsemmi kont li għandu mal-bank imsemmi". Il-punċtum iuris espost mill-Kummissarju tal-Pulizija … … … jikkonisti, igħid hu, fil-ħolqien ta' presunzjoni … … …
>
> »… … …
>
> »Illi sfortunatament, l-onorabbli Qorti tal-Appell ġiet attratta minn argument li huwa mibni fuq premessa mingħajr ebda bażi ta' prova, u ċioè li r-rikorrent kien qed jgħix minn introjtu ieħor dieħel minn sorsi illeċiti. Il-qorti ma rrealizzatx illi ż-żewġ reati li tagħhom instab hati (kultivazzjoni u pussess aggravat) ma ġġenerawx profitti stante li r-rikorrent inqabad fil-fatt. Jekk, min-naħa l-oħra, il-qorti riedet tgħid illi r-rikorrent wettaq reati oħra ta' din ix-xorta fil-passat, dan ma setax jiġi preżunt iżda kellu jiġi ppruvat. Għalhekk, l-argument huwa mibni fuq premessa mingħajr ebda bażi ta' prova, u l-ebda qorti ma setgħet tasserixxi li hu kien qed jgħix minn introjtu ieħor dieħel minn sorsi illeċiti mingħajr l-esistenza ta' tali prova. F'din is-sentenza, id-dinamika korretta tad-dritt kriminali u tad-dritt tal-proċedura kriminali hija nieqsa.
>
> »… … …
>
> »Bis-saħħa ta' dan l-argument, l-onorabbli Qorti tal-Appell għaddiet biex tissanzjona t-teħid ta' proprjetà privata, jiġifieri fius provenjenti minn sorsi leċiti, il-frott tal-ħidma leċita tar-rikorrent, b'garanzija solida illi paga governattiva biss tista' toffri li l-flus m'humiex ġejjin minn attività kriminali. Bis-saħħa ta' dan l-argument, l-onorabbli Qorti tal-Appell issiġillat prinċipju ġdid għall-ġurisprudenza nostrali li permezz tiegħu "flus ġejjin minn sorsi leċiti" jitqiesu flus ġejjin minn attività kriminali!

»Illi l-onorabbli qorti għaddiet, imbagħad, biex tagħmel assunzjoni li bl-ebda mod m'hi sorretta mill-provi; anzi, il-provi juru stampa differenti:

> »"Il-vantaġġ li jrid jieħu l-appellanti mis-sors leċitu ta' dawn il-flus huwa vantaġġ marbut mal-attività illeċita tiegħu. Jirriżulta mill-provi illi l-appellant kien ilu tliet xhur ma jiġbed flus mill-bank qabel l-arrest tiegħu, li jfisser li hu kien qed jgħix minn flus kontanti li tagħhom ma ġiet ippreżentata l-ebda provenjenza leċita. Fi kliem ieħor, dawn il-flus għadhom hemm għax l-appellant inqeda bi flus ta' natura illeċita."

»… … …

»… … … Iżda issa qed titwettaq it-tieni irregolarità xejn inqas serja, it-teħid ta' fondi leċiti appartenenti lilu bis-sewwa, bis-saħħa biss ta' assunzjoni u mingħajr ma tressqet tali prova li huwa tant ilu jisħaq li kellha tinġieb, jiġifieri, il-pussess ta' flus illeċiti provenjenti minn reat.

»Illi l-bran appena ċitat mis-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell, bir-rispett kollu, jaqleb ta' taħt fuq ir-realtà proċesswali. Liema qorti tista' tassumi mingħajr ma tinġieb l-ebda prova "li hu kien qed jgħix minn flus kontanti li tagħhom ma ġiet ippreżentata l-ebda provenjenza leċita"? Persuna jkollha Lm660 id-dar, *cioè* somma miġbuda minn kont bi flejjes assolutament leċiti (miġbuda 3 xhur qabel), u l-Qorti tal-Appell tgħid li "hu kien qed jgħix minn flus kontanti li tagħhom ma ġiet ippreżentata l-ebda provenjenza leċita". Ġie rrimarkat mill-Qorti tal-Appell illi "kien ilu tliet xhur ma jiġbed flus mill-bank qabel l-arrest tiegħu", meta l-flus kontanti li kellu d-dar hu kien ġibidhom minn kont b'fondi leċiti. Xi prova superjuri kellu jġib ir-rikorrent biex juri l-provenjenza leċita? *Eppure*, itteħdulu flus ġenerati bil-ħidma tiegħu stess u provenjenti mill-*payroll* tal-Ministeru tal-Kultura, fuq l-iskorta ta' konklużjoni kompletament żbaljata li ma kien ippreżenta l-ebda provenjenza leċita fir-rigward tal-flus kontanti, *cioè* Lm660!

»… … …

»Illi l-konklużjoni li għamlet l-onorabbli Qorti tal-Appell tistrieħ fuq sempliċi 'assunzjoni':

> "Anke f'dan il-każ, il-patrimonju tal-appellant fl-imsemmi bank baqa' ma tnaqqasx, riżultat dirett tad-dħul li kellu mill-attività illeċità, u, la hu hekk, dan il-'vantaġġ' għandu, żgur indirettament, provenjenza illeċita u l-appellant ma għandux jitħalla jgawdi mill-istess. L-appellant kellu l-possibilità li ma jmiss xejn mill-flus li kienu qegħdin jidħlu fil-kont bankarju bħala paga, iżda dan il-'vantaġġ' seħħ proprju għaliex kellu fondi li seta' jgħix bihom u li provi ta' provenjenza leċita tagħhom ma nġabux."

»Illi ladarba l-onorabbli Qorti tal-Appell persistentement qalet li huwa kien qed jgħix mid-"dħul li kellu mill-attività illeċita" u li "kellu fondi li seta' jgħix bihom u li provi ta' provenjenza leċita

> tagħhom ma nġabux", huwa inevitabbli li r-rikorrent jikkuntrasta dawn iż-żewġ asserzjonijiet assolutament mingħajr bażi, li ma humiex sorretti minn ebda provi: qabel ma [l-]qorti ddikjarat f'sentenza li kellu dħul mill-attività illeċita, hija kellha qabel xejn tindika fejn huma l-provi li jiffurmaw il-bażi tal-konklużjoni. It-tieni, qabel ma qorti tiddikjara li r-rikorrent ma ġabx provi dwar provenzjenza leċita, trid l-ewwel tindika hi liema prova turi li dawk is-Lm660 ma nħarġux mill-kont "nadif". Li l-Qorti tal-Appell, f'sentenza daqstant importanti, tgħid li l-kont bankarju fih "sorsi leċiti", iżżid tgħid li l-aħħar li ġibed minnu kien 3 xhur qabel, imbagħad tgħid li s-Lm660 fi flus kontanti li kellu d-dar "provi ta' provenjenza leċita tagħhom ma nġabux" hu, bl-ikbar rispett, antiġuridiku u xejn inqas minn kontradizzjoni lampanti.«

10. Bla ma tikkummenta fuq it-ton pjuttost ta' kondixxendenza li bih l-attur jistieden lill-qorti "jekk … … … kellha diffikultà biex tifhem sewwa l-ilment tar-rikorrent, kulma kellha tagħmel hu li tesprimi dina d-diffikultà waqt is-smigħ, u l-esponent kien ikompli jiċċara l-ilment sakemm jara li l-qorti qiegħda fuq l-istess frekwenza u qiegħda tifhem fuqhiex kien qed jilmenta", din il-qorti tosserva illi jidher illi huwa x'aktarx l-attur li ma fehemx il-kumment tal-ewwel qorti illi "il-funzjoni ta' din il-qorti m'hijiex li teżamina żbalji ta' dritt jew ta' fatt li allegatament ikunu ġew kommessi mill-qrati ordinarji, sakemm dawn l-iżbalji ma jkunux kisru id-drittijiet u libertajiet garantiti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni" – għalkemm jistqarr illi jaċċetta "bla tlaqliq" dak il-kumment li, wara kollox, huwa wieħed korrett – u ma fehemx ukoll ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell.

11. Nibdew bir-raġunament tal-Qorti tal-Appell. L-attur iridna nemmnu illi l-Qorti tal-Appell waslet għall-konklużjoni illi l-flus fil-kont

bankarju għandhom jiġu konfiskati għax, bla ma kellha prova ta' hekk, ikkonkludiet illi ma kellhomx provenjenza leċita, għalkemm l-attur wera li kellhom provenjenza leċita. Ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell, iżda, ma kienx hekk.

12. Li qalet il-Qorti tal-Appell huwa illi, għalkemm il-flus fil-kont bankarju kellhom "provenjenza leċita" għax kienu ġejjin mill-paga li l-attur kellu minn impjieg mal-gvern li kienet tiġi kreditata direttament fil-kont, madankollu l-attur seta' jfaddal dawk il-flus u ma jonfoqx minnhom – tant li għal tliet xhur ma ġibed xejn mill-bank – għax kellu dħul ieħor, u kien ta' dan id-dħul l-ieħor li ma nġibitx il-prova tal-provenjenza leċita.

13. Ma ninsewx hawn illi l-art. 22(3A)(*d*) tal-Kap. 101 irid illi, bħala parti mill-piena li tingħata lil min jinsab ħati ta' reat taħt l-Ordinanza, il-qorti:

> »tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja … … …«

14. Imbagħad, bħala eċċezzjoni minn din il-konfiska ġenerali tal-proprjetà *kollha* tiegħu, l-Ordinanza tagħti lill-ħati fakoltà, taħt l-art. 22Ċ(1), illi jressaq:

> »… azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza … … … lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.«

15. Ladarba l-ħati jkun attur f'din l-azzjoni, tmiss lilu l-prova illi l-proprjetà ma tkunx "profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza … … … lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk", u jekk ma jagħmilx dik il-prova l-azzjoni tiegħu tfalli.

16. Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet, fl-ambitu tal-kompetenza tagħha u wara li qieset il-provi mressqa quddiemha, illi ma saritx il-prova tal-provenjenza leċita tad-dħul li ippermetta lill-attur ilaħħaq mal-ispejjeż tal-ħajja bla ma jmiss il-paga. Għalhekk irraġunat illi t-tifdil tal-paga tal-attur kien vantaġġ ġej "indirettament" minn provenjenza li ma saritx prova li kienet leċita: flus "nodfa" mfaddla bis-saħħa ta' flus "maħmuġa" jsiru maħmuġa huma wkoll.

17. L-ewwel qorti imbagħad, appuntu għax ma hijiex qorti tat-tielet grad, ma qisitx jekk il-provi setgħux iwasslu għal konklużjoni oħra; rat biss, kif kellha tagħmel, illi l-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell ma kinitx waħda arbitrarja jew irrazzjonali u għalhekk ma sabet ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

18. Jidher, għalhekk, illi l-attur jew ma fehemx ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell, partikolarment dwar il-kunċett tal-vantaġġ in-dirett u dwar l-oneru tal-prova fl-azzjoni taħt l-art. 22Ċ tal-Kap. 101, jew ma fehemx sewwasew xi tfisser id-dottrina li tgħid illi

qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma hijiex qorti tat-tielet istanza. L-aggravju, imsejjes fuq premessi għalkollox ħżiena, għandu għalhekk jiġi miċħud.

19. Fit-tieni aggravju l-attur igħid hekk:

> »Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-konsiderazzjoni tal-każ min-naħa tal-ewwel onorabbli qorti. … … … [L]-esponent innota illi l-kawża ġiet deċiża mingħajr ma saret l-ebda riferenza fis-sentenza appellata għat-tliet elementi li fuqhom kien ibbażat l-ilment kostituzzjonali, jiġifieri :
>
> »a) ir-raġunament tal-onorabbli Qorti tal-Appell, li qed jiġi attakkat;
>
> »b) il-kont bankarju, li dwaru hemm kontestazzjoni bejn iż-żewġ partijiet;
>
> »ċ) il-konklużjoni li qiegħda tiġi impunjata.
>
> »Fl-umili opinjoni tal-esponent, dan huwa nuqqas serju ħafna. It-meritu tal-kawża kien jirrigwarda l-konfiska tal-kont bankarju, iżda l-kont bankarju ma jissemmiex fis-sentenza mogħtija mill-qwwel qorti.
>
> »Illi l-ewwel qorti semmiet il-proċeduri fil-kawża ċivili, semmiet il-ħtieġa li jingħata piż xieraq lis-sottomissjonijiet, semmiet ukoll l-importanza li kull parti tgawdi "ugwaljanza tal-armi", iżda ma semmietx il-kont bankarju konfiskat – li jifforma proprju l-meritu tal-kawża odjerna. Wara kollox, hija stess qalet f'paġna 16 tas-sentenza illi "… l-ilment prinċipali tar-rikorrent jidher illi hu li l-Qorti tal-Appell kienet [*sic*] allegazzjoni żbatjata meta sabet illi huwa ma kienx ġab provi biżżejjed sabiex juri l-provenjenza leċita tal-flus li kellu". Imkien fis-sentenza, iżda, ma jissemma li l-esponent kien qed jilmenta li l-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-validità tal-konfiska tal-flus tiegħu meta hija stess kienet qalet li jirriżulta li l-flus (ċirka Lm7000) huma l-flus tal-paga li rċieva mingħand il-gvern bil-ħidma tiegħu, u li dan hu teħid ta' proprjetà privata mingħajr kumpens xieraq.
>
> »Kwindi, il-kwistjoni kollha dwar il-kontestazzjoni tar-rikorrent ġiet sorvolata kompletament. Hemm ġurisprudenza ampja minn Strasbourg li kull qorti għandha obbligu li ssemmi l-vertenza li tkun imsejħa biex tiddeċiedi dwarha u li tagħti l-motivazzjoni li wasslitha għal deċiżjoni naħa jew oħra.
>
> »L-ewwel qorti semmiet biss il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza ċivili mingħajr biss ma ssarat mal-punti mqajjma mir-rikorrent – anzi qalet li hu ma spjegax fuqiex kien qed jil-

menta. Jekk qorti ma tafx fuqiex qed isir l-ilment, kif tista' dik il-qorti tiddeċiedi jekk l-ilment huwiex ġustifikat jew le?

»Stabbilit illi mir-rikors promotur biss huwa daqshekk ċar x'kien l-ilment tar-rikorrent, din l-onorabbli qorti għandha tiżen dina r-rimarka tal-ewwel onorabbli qorti: "Il-qorti tara illi m'huwiex ċar jekk l-ilment tar-rikonent huwiex rigward ir-raġuni il-għaliex il-leġislatur daħħal fis-seħħ l-artikoli relevanti tat-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-utilità tiegħu fi stat demokratiku jew il-ħtieġa tal-għan li għalih dawk id-disposizzionijiet daħlu fis-seħħ". Dan mhuwiex l-ilment tar-rikorrent, u qatt ma kien.

»Tkompli hekk l-ewwel qorti: "Dan peress illi r-rikorrent isemmi l-vjolazzjoni tad-ditt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu biss fir-rikors promotur, mingħajr ebda spjegazzjoni, u ma jerġax isemmih aktar". Sfuġġa kompletament lill-ewwel qorti illi l-vertenza hi fuq kont bankarju ritenut fi flus nodfa, li xorta waħda ġie kkonfiskat!

»Il-kwistjoni kollha hi li ladarba ma ġietx ippruvata l-eżistenza ta' reat ieħor relatat mad-droga, ma setgħetx tinħoloq presunzjoni jew '*assumption'* mill-Qorti tal-Appell illi l-esponent kellu fondi oħra illeċiti li bihom kien qed imantni lilu nnifsu. L-ebda prova; *ergo*, l-ebda fondi illeċiti. Għall-kuntrarju, f'perijodu ta' 9 xhur, l-esponent ġibed mill-kont bankarju tiegħu (*i.e.* il-kont fejn kienu jidħlu l-pagi tiegħu b'*direct credit*) total ta' Lm2,400. Jekk il-kont huwa magħmul minn flus nodfa, l-ammonti miġbuda minnu huma neċessarjament flus nodfa wkoll. Proprju għalhekk ir-rikorrent għandu raġun jgħid li ma kellux smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell. Għall-kuntrarju, kellu smigħ xieraq fil-kawża ċivili fil-prim'istanza biss. Il-Qorti tal-Appell ħolqot presunzjoni fażulla, bażata fuq 'fatti' li ma jeżistux. Ir-rikorrent itenni li quddiem il-Qorti tal-Appell ma kellux smigħ xieraq – u dan mhux għax is-sentenza ma għoġbitux u ma qabilx magħha, iżda għaliex il-Qorti tat-Appell wettqet irregolarità serja ħafna, u, fl-assenza ta' provi li jissorreġu l-inferenza mnissla minnha, ikkonfiskatlu flus li *ex admissis* huma flus nodfa! B'hekk hija kisret l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.«

20. Għandu jingħad illi l-ewwel qorti għamlet il-kumment li dwaru qiegħed jilmenta l-attur fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, għax ma ratx illi l-attur ressaq argumenti speċifiċi dwar dak l-artikolu iżda straħ fuq l-argument illi bil-fatt illi, fil-fehma tiegħu, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kisritlu l-jedd għal smigħ xieraq, bħala konsegwenza

ta' hekk kisritlu wkoll il-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjġu. L-ewwel qorti, flok qalet illi la ma hemmx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq mela tonqos ukoll il-premessa li fuqha l-attur sejjes l-argument ta' ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà, fittxet jekk l-attur ressaqx argumenti speċifiċi għall-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u sabet li fil-fatt ma ressaqx. Għalhekk għamlet il-kumment illi "m'huwiex ċar jekk l-ilment tar-rikonent huwiex rigward ir-raġuni il-għaliex il-leġislatur daħħal fis-seħħ l-artikoli relevanti tat-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-utilità tiegħu fi stat demokratiku jew il-ħtieġa tal-għan li għalih dawk id-disposizzionijiet daħlu fis-seħħ".

21. F'dan il-kuntest, hija għalkollox gratuwita l-asserzjoni tal-attur illi huwa "stabbilit illi mir-rikors promotur biss huwa daqshekk ċar x'kien l-ilment tar-rikorrent": li hu "stabbilit" hu li l-attur qiegħed jilmenta li nkisirlu l-jedd imħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll iżda ma jgħidx liema waħda mir-regoli li joħorġu minn dak l-artikolu ma tħarsitx, għax is-sottomissjonijiet tiegħu kienu jolqtu l-jedd għal smigħ xieraq, u baqa' wkoll fir-rikors tal-appell ma jagħmilx tajjeb għal dak in-nuqqas; anzi kompla jargumenta illi "ma kellux smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell". Kompla wkoll igħid illi:

> »Il-kwistjoni kollha hi li ladarba ma ġietx ippruvata l-eżistenza ta' reat ieħor relatat mad-droga, ma setgħetx tinħoloq presunzjoni jew '*assumption'* mill-Qorti tal-Appell illi l-esponent kellu fondi oħra illeċiti li bihom kien qed imantni lilu nnifsu. L-ebda prova; *ergo*, l-ebda fondi illeċiti«

22. U dan juri għal darba oħra illi l-attur ma fehemx il-kunċett tal-oneru tal-prova f'azzjoni taħt l-art. 22Ċ tal-Kap. 101: il-prova kellha ssir minnu li kellu dħul leċitu li ippermettielu jfaddal il-flus tal-paga, u ma kinitx meħtieġa l-prova mill-konvenut li kien hemm dħul illeċitu. Naturalment, il-fatt illi l-attur ikkonvinċa lilu nnifsu illi dik il-prova għamilha ma jfissirx illi tassew għamilha.

23. Għall-bqija, l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll jagħraf is-setgħa tal-istat illi "jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà … … … biex jiżgura l-ħlas ta' … … … pieni". Meta tqis il-ħsara li jagħmlu r-reati li tagħhom instab ħati l-attur – reati li jeqirdu l-ħajjiet ta' ħafna nies u jdgħajjfu s-sisien tas-soċjetà – is-severità tal-piena, maħsuba wkoll bħala deterrent, hija miżura għalkollox proporzjonata, u ma hemm xejn bi ksur tal-art 1 tal-Ewwel Protokoll illi, bħala piena għar-reati bħal dawk li tagħhom instab ħati l-attur, ikun konfiskat ġidu kollu, aktar u aktar meta ngħata l-fakoltà li jeħles ġid mill-konfiska sakemm juri li dak il-ġid ma huwiex ġej, direttament jew indirettament, minn dawk ir-reati. L-attur ma ressaq l-ebda argument biex iwaqqa' din il-konklużjoni.

24. Dan l-aggravju wkoll, għalhekk, għandu jiġi miċħud.

25. Fit-tielet aggravju l-attur jgħid hekk:

> »It-tielet aggravju tar-rikorrent jirrigwarda l-konfużjoni naxxenti fis-sentenza dwar l-oneru tal-prova.

»Illi l-esponent jaqbel perfettament mal-prinċipju illi wara li tiġi ordnata l-konfiska tal-assi kollha, il-liġi tagħti rimedju ta' stħarriġ u diskrezzjoni li jistgħu jwasslu biex, fi proċedura ta' natura ċivili, il-konfiska tal-assi ordnata f'sede penali tiġi revokata (jew modifikata) billi l-qorti tordna r-rilaxx ta' dawk l-assi favur sidhom wara li jkun ġab prova sodisfaċjenti tal-provenjenza leċita tal-istess. Sa hawnhekk, m'hemmx kontestazzioni. Iżda, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ammettew illi l-flus fil-kont bankarju tal-esponent ma' *HSBC Bank Malta plc* huma flus nodfa. Il-Qorti tal-Appell qablet ukoll illi l-flus fil-kont bankarju tiegħu huma flus nodfa. Il-kontestazzioni tirrigwarda l-assunzjoni jew presunzjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell (kuntrarjament għall-qorti tal-ewwel grad fil-kawża ċivili) illi l-esponent sinjal li kellu flus oħrajn barra l-kont bankarju li kien qed imantni lilu nnifsu. Issa, l-esponent jistaqsi: Mela għidli liema huma dawn il-fondi l-oħra? Mela urini mill-fedina penali liema reat kont wettaqt li minnu kelli dan ir-rikavat? Mela għidli tiema reat relatat mad-droga wettaqt? Mela għidli liema reat mhux relatat mad-droga li qed tgħid li ġabli l-fondi illeċiti. Imbilli tgħidli li kelli flus oħrajn illeċiti li kont qed immantni lili nnifsi bihom, mingħajr ma ġġib prova ta' dan, allegazzjoni tibqa'. L-esponent iwiegeb ukoll: Jiena urejtek mill-istatements tal-*HSBC Bank Malta plc* li l-flus daħlu direttament mingħand il-Ministeru tal-Kultura bħala pagi. Jiena urejtek ukoll illi mill-i*statements* tal-*HSBC* illi f'9 xhur għamilt *withdrawals* [illi] flimkien kienu jammontaw għal Lm2,400 biex ngħix bihom. *Withdrawals* magħmula minn kont bi flus nodfa huma *withdrawals* nodfa. Jiena ġibtlek il-prova konkludenti, u inti x'ġibtli? Assunzjoni mingħajr fatti li jissorreġuha. Presunzjoni bażata fuq 'fatti' ineżistenti. Fi kliem ieħor, inferenza bbażata fuq il-kliem biss! Inferenza li ma jistħoqqilhiex tkun miktuba fl-atti ta' qorti. Inferenza li l-ebda qorti ma kellha tnissilha, għax mibnija fuq ix-xejn.

»L-ironija li … … … l-ewwel onorabbli qorti kkummentat hekk:

> »"… Konsegwentement, in linja mal-principji tal-proċedura ċivili, l-oneru tal-prova jinkombi fuq ir-rikorrent, peress illi min jallega irid igib prova a sodisfazzjon tal-qorti illi dak li qed jallega huwa minnu."

»Iżda, fitwaqt li l-esponent ġab il-provi kollha biex juri (a) li l-flus li kellu depożitati l-bank kienu flus nodfa u (b) li l-flus li kellu d-dar kienu ugwalment flus nodfa l-għaliex kienu *withdrawals* mill-istess kont fuq medda ta' 9 xhur, il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-onorabbli Qorti tal-Appell ma ġabu l-ebda prova biex jirribattu u jispostaw il-prova konkludenti u konkreta li ressaq ir-rikorrent.

»Ġie ritenut fis-sentenza <u>Tonna *v.* Azzopardi</u>, 12 ta' April 2007, Qorti tal-Appell (Inferjuri) per Onor. Imħallef Philip Sciberras, illi:

> »"Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima*

> *facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P. I p. 577)."

> »Meta l-Pulizija kkonfiskatlu l-pjanti tal-*cannabis*, l-esponent ma pprotestax għaliex il-koltivazzjoni tagħhom hija reat. Iżda, meta l-awtoritajiet ikkonfiskawlu flus li ħadem għalihom bl-għaraq ta' ġbinu, flus nodfa, flus li ġiet ippruvata l-provenjenza tagħhom mingħand il-Ministeru tal-Kultura, l-esponent mhux jipprotesta biss, iżda jirvella. Jirvella bħal kull persuna li xi ħadd joħdilha s-salarju mill-kont bankarju tagħha! Dak li seħħ fir-rigward tal-kont bankarju tiegħu huwa mhux biss illegali, iżda wkoll immorali. Din hija serqa. Altru li l-esponent sofra leżjoni tad-dritt għall-proprjetà tiegħu.

> »Min-naħa l-oħra, jekk wieħed iħares lejn ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża ċivili wieħed għandu jsib li l-konvenuti kienu appellaw u fir-rikors tal-appell tagħhom ħarġu b'dan l-argument sensazlonali illi, avolja l-flus fil-kont kienu nodfa, huwa kien qed jgħix minn flus li m'humiex (mingħajr ma ppruvaw dina l-alleg-azzjoni), u l-Qorti tal-Appell qalet li dan l-argument hija tista' taqbel miegħu. Il-konvinċiment tal-Qorti tal-Appell kien jirpoża fuq argument. Iżda, ir-rikorrent kien għamel diversi *withdrawals* mill-istess kont nadif tiegħu u b'kollox ġibed Lm2,400 fuq medda ta' 9 xhur. Il-konvinċiment tal-Qorti tal-Appell kien jirpoża fuq argument sensazzjonali u fuq allegazzjoni mhux ippruvata, u anzi smentitha mill-fatti ppruvati mir-rikorrent. Issa, l-ewwel qorti injorat din il-ħtieġa proċesswali dwar l-ispostament tal-prova, ladarba l-konvenuti fil-kawza ċivili ressqu allegazzjoni speċifika u baqgħu ma ppruvaw xejn minn dak li allegaw dwar fondi illeċiti oħra.«

26. Il-konfużjoni qiegħda fuq in-naħa tal-attur, li għal darba oħra qiegħed juri illi ma fehemx il-kunċett tal-oneru tal-prova fl-azzjoni taħt l-art. 22Ċ tal-Kap. 101, il-kunċett tal-vantaġġ indirett u l-kunċett illi qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma hijiex qorti tat-tielet grad. Biex ma tagħmilx ripetizzjonijiet inutli, il-qorti tirreferi għal dak li qalet fuq dwar dawn l-argumenti: biżżejjed jingħad hawnhekk illi l-oneru tal-prova li juri dħul leċitu kien fuq l-attur, li flus nodfa mfaddla bis-saħħa ta' flus maħmuġa jitħammġu huma wkoll u illi, sakemm ma jintweriex illi l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-

Appell dwar il-provi miġjuba quddiemha huma arbitrarji jew irraġonevoli, qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma tagħmilx valutazzjoni mill-ġdid tal-provi. Il-fatt li kif jharaha l-attur il-prova hija "konkludenti" ma jfissirx illi hija oġġettivament hekk; essenzjalment li jrid l-attur hu illi l-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħmel valutazzjoni mill-ġdid tal-provi, għalkemm stqarr li jaqbel "bla tlaqliq" li "dan ma huwiex appell mill-Qorti tal-Appell".

27. Dan l-aggravju wkoll għalhekk jixraq li jiġi miċħud.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallashom kollha l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph Zammit McKeon<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df